IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 45**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2015 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sna Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Vella | Ambaxxatur |

0.01 **Is-Sindku ppropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġu diskussi issa *items* nru 4, 5 u 11 tal-aġenda. Dan sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun jista' jagħti rendikont finanzjaru, spjega ta' Memo 18/2015 u tiġi diskussa l-offerta għal servizz ta' Perit u *Contract Manager*. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.**

4.00 ***Quarterly Financial Statements* (Lulju - Settembru)**

4.01 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw il-*Quarterly Financial Report* għall-perjodu ta' Lulju – Settembru 2015. *Quarterly Financial Report* (Lulju - Settembru)



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

4.02 Is-Sindku ppropona li l-*Quarterly Financial Report* jiġi approvat hekk kif ippreżentat. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja ta' dan il-*Quarterly Financial Report* tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

**5.00 Memo 18/2015 – L-Att dwar ir-Responsabbiltà Fiskali (Kap 534)**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill Memo 18/2015 li titratta l-Att dwar ir-Responsabbiltà Fiskali (Kap 534) u flimkien mal-*accountant* tal-Kunsill tat spjega tal-imsemmija Memo.

Memo 18/2015 – L-Att dwar ir-Responsabbiltà Fiskali (Kap 534)

** Il-Kunsillier Rudolf Grima daħal għal-laqgħa fis-7.30 ta' filgħaxija.

**11.00 Għażla tal-offerta għal servizz ta' Perit u *Contract Manager* – RLC/T/0152/15**

11.01 Il-konsulent maħtur mill-Kunsill sabiex jaġġudika din l-offerta, is-Sur P. Bugeja irrakkomanda lill-Kunsill li tintalab kjarifikazzjoni tar-rata mitfugħa lill-offerent Med Design Ltd. Is-Sindku ppropona li tintalab tali kjarifikazzjoni. Issekonda din il-proposta il-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

Għażla tal-offerta għal servizz ta' Perit u *Contract Manager* – RLC/T/0152/15

11.02 **Il-Kunsill qabel li jkompli bl-ordni tal-aġenda**

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 44**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G44 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 44

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 44**

Punti li joħorġu mill-Minuti G 44

2.01 10.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-petizzjoni kienet intbagħtet lill- Ministru kkonċernat u lil 'Transport Malta'.

Petizzjoni sabiex isiru *culverts* fi Triq Għajn Kajjet

2.02 12.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li peress li Triq il-Merħliet hija fil-konfini tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù tali deċiżjoni trid tiġi approvata mill-KA. Għaldaqstant tali talba ser tinġieb għall-attenzjoni tal-KA fis-seduta li jmiss.

*Bring-in-sites* ta' Misraħ il-Forok

2.03 12.04 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-istima kienet għadha mhux lesta.

Bankina fi Triq il-Kbira

## 3.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza

3.01 Dwar il-każ ta' Triq Għobberja s-Sindku ppropona li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Ministru kkonċernat fil-preżenza tas-Sindku preċedenti, il-perit li kien responsabbili mix-xogħlijiet u mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament. Każ ta' Triq Għobbejra

** Il-Viċi Sindku Doris Coleiro daħlet għal-laqgħa fit-8.05 ta' filgħaxija.

3.02 Is-Sindku ppropona li ssir talba lill-Ministru tal-Finanzi sabiex il-Kunsill ikun jista' jibdel il-vot oriġinali tal-*fuel* minn kif jidher fl-Estimi Annwali 2015. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. Talba lill-Ministru tal-Finanzi

3.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1115/15**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand l-Awtorità tad-Djar fejn kienet qed tintalab *No Objection* mingħand il-Kunsill, sabiex isir *shaft* ta' lift fuq il-bankina tal-entratura ta' Blokk F2 tal-Qasam tal-Bini tal-Gvern ta' Għajn Kajjet. Talba mill-Awtorità tad-Djar

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jagħti din in-*No Objection* bil-kundizzjoni li jekk isiru xi ħsarat fuq il-bankina eżistenti din għandha tiġi rranġata għas-spejjeż tal-Awtorità. Issekondat din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

** Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li jiġi skużat fit-8.30 ta' filgħaxija.

## 6.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet

6.01 B'referenza għall-pagament bin-numru 7971 dovut lill-*Mica Med Limited* il-Kunsill ma qabilx li japprova dan il-pagament peress li l-Pjazza ta' San Pawl reġgħet tinsab mitfija. Pagament numru 7971

6.02 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 251 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. L-iskeda tal-ħlasijiet numru 251

## 7.00 Xogħlijiet fuq is-sit arkeoloġiku fi Triq Santa Rita

Is-Sindku informa l-laqgħa bi spiża addizzjonali meħtieġa sabiex jiġi magħluq is-sit arkeoloġiku li nstab fi Triq Santa Rita waqt li kienu għaddejjin ix-xogħlijiet fuq il-Proġett Miżura 313 – *Encouragement of Tourism Activities*. Huwa infoma l-laqgħa li tali spiża ma tagħmilx parti mill-finanzjament tal-proġett. Xogħlijiet fuq is-sit arkeoloġiku fi Triq Santa Rita

Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mill-Viċi Sindku Doris Coleiro il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa tal-offerti għal dawn ix-xogħlijiet u li tali spiża ssir mill-*Budget* tas-sena 2016.

**8.00 Ħruġ tal-offerta għall-Kuntratt perjodiku għall-Kisi ta' Toroq mill-Ġdid**

8.01 Fuq proposta tal-Kunsillier Peter Paul Azzopardi u ssekondata mill-Kunsillier Nazju Cassar ġie deċiż li tali kuntratt ma jerġax jinħareġ. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħruġ tal-offerta għall-Kuntratt perjodiku għall-Kisi ta' Toroq mill-Ġdid

**9.00 Tiġdid tal-kwotazzjoni għall-provvediment ta' servizzi ta' ġbir ta' annimali mejta – RLC/Q/088/14**

9.01 Is-Sindku ressaq il-kwotazzjoni RLC/Q/088/14 għas-Servizzi ta' ġbir ta' annimali mejta u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekondata din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda.

Tiġdid tal-kwotazzjoni għall-provvediment ta' servizzi ta' ġbir ta' annimali mejta – RLC/Q/088/14

**10.00 Tiġdid tal-kwotazzjoni għat-Tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill – RLC/Q/089/14**

10.01 Is-Sindku ressaq il-kwotazzjoni RLC/Q/089/14 għat-Tindif tal-uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill u ppropona li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Stephen Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda.

Tiġdid tal-kwotazzjoni għat-Tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill – RLC/Q/089/14

** **F'dan l-istadju tal-laqgħa, il-Kunsill qabel li jirrisolvi fi stadju ta' Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Offerti (hekk kif maħtur f'seduta G02), wara diversi tentattivi sabiex dan il-Bord jiltaqa' ma mmaterjalizzawx.**

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa għal xogħlijiet ta' *patching* (RLC/T/0153/15)

Intefgħet offerta waħda hekk kif ġej:

| | Isem | Rata |
|---|---|---|
| 1 | John Fenech *o.b.o Elle's Urban Services Ltd.* | Skont il-BOQ annessa (Dok A) |

Saret diskussjoni dwar ir-rapport ta' aġġudikazzjoni mħejji mill-perit tal-Kunsill is-Sur Daniel Micallef. Il-Bord qabel li jaċċetta r-rapport u r-rakkomandazzjoni tal-perit tal-Kunsill u għalhekk irrakkomanda li l-offerta tingħata lill-uniku offerent li huwa s-Sur John Fenech *o.b.o Elle's Urban Services Ltd.*

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa għall-provvista u għoti ta' konkos u xibka (RLC/T/0149/15)

Intefgħu żewg offerti hekk kif ġej:

| | Isem | Rata |
|---|---|---|
| 1 | G. Sammut *o.b.o Sammut Concrete Supplies Ltd* | Skont il-BOQ annessa (Dok B) |
| 2 | Bonnici Bros Services Ltd | Skont il-BOQ annessa (Dok C) |

Saret diskussjoni dwar ir-rapport ta' aġġudikazzjoni mħejji mill-perit tal-Kunsill is-Sur Daniel Micallef. Il-Bord qabel li jaċċetta r-rapport u r-rakkomandazzjoni tal-perit tal-Kunsill u għalhekk irrakkomanda li l-offerta tingħata lill-irħas offerent li huwa s-Sur G. Sammut *o.b.o Sammut Concrete Supplies Ltd.*

Il-Bord evalwa l-kwotazzjoni mitfugħa għas-servizz ta' *Mini Bus* Rabat/Imtarfa – RLC/Q/091/15

Intefgħu żewg offerti hekk kif ġej:

| | Isem | Rata Ewro |
|---|---|---|
| 1 | Is-Sur Leo Grech | €28.00 |
| 2 | Silver Star Transport | €23.50 |

Il-Bord evalwa l-kwotazzjonijiet mitfugħa u qabel li jirrakkomanda lill-offerent *Silver Star Transport* peress li din kienet l-irħas offerta mitfugħa.

**F'dan il-ħin intemmet il-ħidma tal-Bord u għaldaqstant is-seduta rritornat fi stadju ta' Kunsill u kompliet b'*item* nru 12 tal-aġenda.**

**12.00 Għażla tal-offerta għal xogħlijiet ta' *patching* – RLC/T/0153/15**

12.01 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jaċċetta r-rapport u r-rakkomandazzjoni tal-perit tal-Kunsill u għalhekk irrakkomanda li l-offerta tingħata lill-uniku offerent li huwa s-Sur John Fenech *o.b.o Elle's Urban Services Ltd.* Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tar-rapport tal-perit tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Għażla tal-offerta għal xogħlijiet ta' *patching* – RLC/T/0153/15

**13.00 Għażla tal-offerta tal-kuntratt perjodiku għall-provvista u għoti ta' konkos u xibka – RLC/T/0149/15**

13.01 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jaċċetta r-rapport u r-rakkomandazzjoni tal-perit tal-Kunsill u għalhekk irrakkomanda li l-offerta tingħata lill-irħas offerent li huwa

Għażla tal-offerta tal-kuntratt perjodiku għall-

is-Sur G. Sammut *o.b.o Sammut Concrete Supplies Ltd.* Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tar-rapport tal-perit tinsab annessa ma' dawn il-minuti. — provvista u għoti ta' konkos u xibka – RLC/T/0149/15

**14.00 Għażla ta' kwotazzjoni għal sevizz ta' *Mini Bus* Rabat/Mtarfa – RLC/Q/091/15**

14.01 Is-Sindku ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-kwotazzjoni għal servizz ta' *Mini Bus* Rabat/Imtarfa lill-offerent *Silver Star Transport* peress li hija l-irħas offerta mitfugħa. Issekonda din il-mozzjoni l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. — Għażla ta' kwotazzjoni għall-sevizz ta' *Mini Bus* Rabat/Mtarfa – RLC/Q/091/15

**15.00 Korrispondenza**

15.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1096/15**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva lment mingħand resident li joqgħod fi Triq Cosmana Navarra. — Ilment dwar permessi fi Triq Cosmana Navarra

Wara li l-Kunsill iddiskuta dan l-ilment, ġie deċiż li fejn huwa possibbli l-permessi jinħarġu fi Triq San Franġisk k/m Triq Cosmana Navarra. Ġie deċiż ukoll li fi Triq Cosmana Navarra jingħataw biss permessi għal xogħol ta' kostruzzjoni u li tali permessi jinħarġu b'ħin stipulat.

**16.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduti numru B12, B13 u B14**

16.01 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija B12, B13 u B14 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. — Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduti numru B12, B13 u B14

**17.00 Materji Oħra**

17.01 Il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li jsir *refresh* tal-*parking bays* tas-Saqqajja u li ssir talba lil 'Transport Malta' sabiex fil-post fejn kienet il-venda jsiru wkoll il-*parking bays*. Is-Sindku ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. — *Parking Bays* is-Saqqajja

17.02 Il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li Sqaq nru1 Triq il-Kulleġġ issir bil-*crete print*. Huwa qal li kien diġà ressaq din it-talba għall-attenzjoni tal-Kunsill f'seduta G26. Is-Sindku ssekonda din il-proposta u talab li tinġab stima tax-xogħlijiet. Il-Kunsill qabel unanimament. — Sqaq nru 1 Triq il-Kulleġġ issir bil-*crete print*

17.03 Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li Pjazza Forok hemm *litter bin* imkisser. — *Litter Bin* imkisser Pjazza Forok

17.04 Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li fi Triq Emanuele Stivala kienu tneħħew id-*double yellow lines* u konsegwenza ta' dan il-*coaches* kien qed ikollhom diffikultà sabiex iduru. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li kienet ser tinvestiga dwar it-tneħħija ta' dawn is-sinjali u ser tordna li jerġgħu isiru mill-aktar fis possibbli. — *Double yellow lines* fi Triq Emanuele Stivala

**18.00 Data tas-seduta li jmiss**

18.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

18.02 Il-laqgħa ntemmet fl-9.40 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 24 ta' Novembru 2015

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Bill of Quantities**

| Item | Description | Unit | Rate* |
|---|---|---|---|
| A | **PATCHING WORKS** | | |
| 1 | **Cold Asphalt** (including sealer) | Per Tonne | 115.00 |
| 2 | **Laying of asphalt** (labour cost) | Per Tonne | 18.00 |
| 3 | **Hire of vibrating roller** | Per Hour | 30.00 |
| 4 | **Hire of truck & driver** | Per Hour | 38.00 |
| 5 | **Other costs** (specify below) | (specify below) | |

Scarifing Potholes and sweeping the material and

loading cart it away Price £2.90 per sqm

2" thickness

ELL URBAN SERVICE
LTD 82 THOMAS DINGLI
MOSTA ELLES_URBAN_
SERVICES@YAHOO.COM

- *Inclusive of taxes, VAT, ECO-contribution, all related expenses and discounts as applicable*

ELL URBAN SERVICE
LTD 82 THOMAS DINGLI
MOSTA ELLES_URBAN_
SERVICES@YAHOO.COM

'Doc B'

# Specific Conditions of Contract and Specifications for the Service of the provision and laying of Concrete and Wire Mesh

Bill of Quantities

| Item | Description | Qty. | Unit | Rate inc. VAT & 5% M.F. | Amount inc. VAT & 5% M.F. |
|---|---|---|---|---|---|
| Provision of Grade C30 Concrete | | | | | |
| | ◦ Per cubic yard | 1 | cu yd | € [illegible] | |
| Laying of Grade C30 Concrete | | | | | |
| | ◦ Per cubic yard | 1 | [illegible] | € [illegible] | |
| C503 mesh | | 1 | m² | € 8.00 | |
| Provision of Grade C20 Concrete | | | | | |
| | ◦ Per cubic yard | 1 | cu yd | € [illegible] | |
| Laying of Grade C20 Concrete | | | | | |
| | ◦ Per cubic yard | 1 | cu yd | € 6.75 | |
| A98 mesh | | 1 | m² | € 4.00 | |

Price includes 18% VAT, 5% Management Fee and transport to the site

N.B. All the work is to be done after a written authorisation by the Mayor and Executive Secretary

Date: 11/08/2015

Signature: [signature]

Id No: 68350(L)

SAMMUT CONCRETE SUPPLIES
WIED IL-GHASEL, BURMARRAD
☎: 21575680, 99492755
9432755 Fax: 21572201
e-mail. SCS@MALTANET.NET

# Specific Conditions of Contract and Specifications for the Service of the provision and laying of Concrete and Wire Mesh

Bill of Quantities

| Item | Description | Qty. | Unit | Rate inc. VAT & 5% M.F. | Amount inc. VAT & 5% M.F. |
|---|---|---|---|---|---|
| Provision of Grade C30 Concrete<br>• Per cubic yard | | | | | |
| Laying of Grade C30 Concrete<br>• Per cubic yard | | | | | |
| C503 mesh | | | | | |
| Provision of Grade C20 Concrete<br>• Per cubic yard | | | | | |
| Laying of Grade C20 Concrete<br>• Per cubic yard | | | | | |
| A98 mesh | | | | | |

Price includes 18% VAT, 5% Management Fee and transport to the site

N.B. All the work is to be done after a written authorisation by the Mayor and Executive Secretary

Date: ____________ Signature: ____________

Id No: ____________